bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Carmelo Magri)
vs
Etiene Borg, iben
Joseph, imwieled San
Ġiljan fit-30 ta'
awissu, 1975

Illum, 4 ta' awissu, 2000

Il-Qorti,
Rat iċ-ċitazzjoni kontra l-imputat -
1. talli fl-14 ta' jannar, 2000 u fix-xhur ta' wara din id-data f'dawn il-Gżejjer,
xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjente-
ment b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom, liema ħwejjeġ kienu ġejjin minn serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeċċedix l-elf lira maltin (Lm1,000) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
2. talli sar reċdiv a termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali.

Ra n-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tal-4 ta' awissu, 2000 fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' awissu, 2000 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 334(a), 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' mitt lira maltin (Lm100).